



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Dokument ta' sessjoni

A7-0001/2013

21.12.2012

RAPPORT

dwar it-titjib tal-aċċess għall-finanzi għall-SMEs
(2012/2134(INI))

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

Rapporteur: Philippe De Backer

RR\923328MT.doc

PE496.312v02-00

MT

Magħquda fid-diversità

MT

WERREJ

	Paġna
MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW	3
NOTA SPJEGATTIVA	11
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IMPJIEGI U L-AFFARIJET SOĊJALI.....	13
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAS-SUQ INTERN U L-ĦARSIEN TAL-KONSUMATUR	18
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI	23
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJET LEGALI.....	26
RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT	30

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar it-titjib tal-aċċess għall-finanzi għall-SMEs (2012/2134(INI))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni 'Pjan ta' azzjoni għat-titjib tal-aċċess għall-finanzi għall-SMEs' (COM(2011)0870),
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni 'Ewropa 2020 – strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv' (COM(2010)2020),
- wara li kkunsidra r-Rapport tal-Kummissjoni 'L-imminimizzar tal-piż regolatorju għall-SMEs – L-adattament tar-regolamentazzjoni tal-UE għall-bżonnijiet tal-intrapriżi mikro' (COM(2011)0803),
- wara li kkunsidra l-programm tal-Kummissjoni għall-kompetittività tal-intrapriżi u l-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju, il-programm 'COSME' (COM(2011)0834),
- wara li kkunsidra l-'Att dwar in-Negozji ż-Żgħar għall-Ewropa' (COM(2008)0394), li jirrikonoxxi r-rwol ċentrali tal-SMEs fl-ekonomija tal-UE u għandu l-għan li jsaħħaħ ir-rwol tal-SMEs u jipromwovi l-potenzjal tagħhom li joħolqu t-tkabbir u l-impjiegi billi jtaffi għadd ta' problemi kkunsidrati bħala fatturi li jimpedixxu l-iżvilupp tal-SMEs,
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-23 ta' Frar 2011 dwar ir-reviżjoni tal-'Att dwar in-Negozji ż-Żgħar għall-Ewropa' (COM(2011)0078) u r-riżoluzzjoni tal-Parlament tat-12 ta' Mejju 2011 dwarha¹,
- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Fondi Ewropej ta' Kapital ta' Riskju (COM(2011)0860),
- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fondi ta' Intraprenditorija Soċjali Ewropej (COM(2011)0862),
- wara li kkunsidra l-istudju tal-2011 tal-Kummissjoni u l-Bank Ċentrali Ewropew rigward l-Istħarriġ dwar l-Aċċess għall-Finanzi għall-SMEs,
- wara li kkunsidra r-Rapport Speċjali 2/2012 tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-istrumenti finanzjarji għall-SMEs kofinanzjati mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' Settembru 2010 dwar l-iżvilupp tal-potenzjal ta' ħolqien ta' impjiegi ta' ekonomija sostenibbli ġdida²,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

¹ Testi adottati, P7_ TA(2011)0235.

² ĠU C 308E, 20.10.2011, p.6.

- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali, il-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur, il-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A7-0001/2013),
- A. billi regolamentazzjoni tal-industrija finanzjarja b'dgħufijiet fit-tfassil, flimkien mal-effetti ħorox u mifruxa tal-kriżi finanzjarja, ekonomika u tad-dejn, jistgħu jwasslu għal aċċess għall-finanzi aktar diffiċli għall-SMEs;
- B. billi huwa kruċjali li jinħolqu u jiġu żviluppanti l-għodod meħtieġa u jiġu stabbiliti l-kundizzjonijiet it-tajbin li jippermettu lill-Unjoni tagħti spinta lit-tkabbir fiż-żona tal-euro u fl-Unjoni b'mod ġenerali;
- C. billi s-self bankarju huwa s-sors ewlieni ta' finanzjament għall-SMEs fl-Unjoni Ewropea;
- D. billi, skont data tal-BĊE, ir-rati tas-self għall-SMEs ivarjaw ħafna bejn l-Istati Membri u hemm żbilanċi fl-aċċess għal-likwidità, b'rati għolja ta' rifjut fir-rigward ta' self għal proġetti ta' negozju f'ċerti pajjiżi;
- E. billi l-SMEs jirrappreżentaw aktar minn 98 % tan-negozji Ewropej u jipprovdu aktar minn 67 % tal-impjiegi fl-Unjoni; billi, għalhekk, huma s-sinsla tal-ekonomija tal-Unjoni Ewropea u xpruni importanti tat-tkabbir ekonomiku Ewropew fit-tul u ta' opportunitajiet ta' ħolqien ta' impjiegi sostenibbli fi ħdan is-27 Stat Membru;
- F. billi 85 % tal-impjiegi ġodda kollha fl-UE bejn l-2002 u l-2010 nħolqu mill-SMEs, b'mod partikolari minn ditti ġodda; billi 32,5 miljun persuna fl-UE jaħdmu għal rashom;
- G. billi hemm tipi differenti ta' SMEs li kollha għandhom ħtiġijiet differenti;
- H. billi l-azzjonijiet li jappoġġaw l-SMEs u l-intraprenditorija huma regolati mill-'Att dwar in-Negozji ż-Żgħar' li l-Istati Membri flimkien mal-Kummissjoni Ewropea impenjaw ruħhom li jimplementawh,

Kwistjonijiet ġenerali

1. Jilqa' l-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni u l-ġabra wiesgħa ta' proposti u rakkomandazzjonijiet tagħha rigward l-SMEs;
2. Jaqbel mal-Kummissjoni li s-suċċess ekonomiku, l-eċċellenza u l-koeżjoni tal-Unjoni Ewropea jiddependu fil-wisa' minn tkabbir u ħolqien ta' impjiegi sostenibbli abbażi ta' SMEs impenjati li jipprovdu prodotti u servizzi ta' kwalità; jenfasizza l-importanza li jitħeġġeġ it-tkabbir ekonomiku tul il-firxa kollha ta' kumpaniji; jenfasizza li l-SMEs huma parti minn 'ekosistema' usa' ta' intrapriżi; jinnota li f'din l-'ekosistema' hemm ukoll il-ħtieġa li tiġi żgurata enfasi ugwali fuq it-titjib tal-aċċess għall-finanzi għal mikrointrapriżi jew għal negozjanti individwali; jinnota li kumpaniji akbar jiddependu b'mod estensiv minn netwerk wiesa' ta' SMEs iżgħar;
3. Jenfasizza li, minħabba l-effett aggravanti tal-kriżi finanzjarja u ekonomika, bosta SMEs għandhom diffikultajiet ta' aċċess għall-finanzi u li l-SMEs jeħtiġilhom jikkonformaw ma' kriterji regolatorji ġodda u xi drabi aktar stretti minn qabel; jenfasizza li l-istituzzjonijiet

bankarji li matul il-kriżi bbenefikaw minn għajnuna mill-istat, kif ukoll minn forom impliċiti oħra ta' għoti ta' sussidju bħal garanziji pubbliċi u appoġġ ta' likwidità minn banek ċentrali u l-Bank Ċentrali Ewropew, għandhom ikunu suġġetti għal miri rigward l-ammonti ta' finanzjament tagħhom u l-kundizzjonijiet għall-SMEs; ihegġegħ lill-Kummissjoni tkompli bl-isforzi tagħha biex tippromwovi l-implimentazzjoni fil-livell nazzjonali tal-prinċipju 'L-Ewwel Aħseb fiż-Żgħir', li jimplika semplifikazzjoni ulterjuri tal-ambjent regolatorju u amministrattiv għall-SMEs;

4. Jenfasizza l-fatt li fis-semplifikazzjoni tal-ambjent regolatorju u amministrattiv għall-SMEs, jeħtieġ li jiġi pprovdut ħarsien adegwat għall-impjegati fl-oqsma tas-sigurtà soċjali u s-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jindirizzaw diskriminazzjoni potenzjali fl-aċċess għall-finanzi fil-każ ta' SMEs immexxija minn persuni jew gruppi soċjali żvantaġġati;
5. Jinnota li f'dawn l-aħħar snin saru sforzi konsiderevoli sabiex titnaqqas il-burokrazija;
6. Jenfasizza l-importanza li tissaħħaħ is-sistema bankarja lokali; jenfasizza r-responsabilità u l-funzjonijiet tal-banek, minn banek fuq skala lokali għal dawk fuq skala Ewropea, b'rabta mal-investment għaqli fl-ekonomija u b'mod aktar speċifiku fl-SMEs; jinnota d-differenzi bejn l-Istati Membri fil-prezz tas-self għall-SMEs u fl-aċċess għall-finanzi għall-SMEs minħabba kuntest makroekonomiku mhux favorevoli, li jistgħu jkollhom implikazzjonijiet negattivi għall-kompetizzjoni f'żoni periferiċi; jindika li, għalkemm il-problemi ta' aċċess għall-finanzi għall-SMEs għadhom ivarjaw fost l-Istati Membri, ir-riżultati tal-Istħarriġ tal-BĊE dwar is-Self mill-Banek ta' Ottubru 2011 juru ssikkar sinifikanti ġenerali fl-istandards tal-kreditu għas-self lill-SMEs u juru li tnaqqis fl-investimenti għal livell minimu jista' jwassal għal kriżi tal-kreditu; jirrikonoxxi, minbarra dan, li hemm domanda sinifikanti għal mikrokrediti fl-UE;
7. Itenni li regoli kuntrattwali riveduti għall-akkwist pubbliku u l-konċessjoni m'għandhomx ixecklu l-aċċess tal-SMEs u l-mikrointrapriżi għas-suq tal-akkwist;
8. Ifakkar li fl-Ewropa, is-sors ewlieni tal-finanzjament tal-SMEs huwa s-settur bankarju; jemmen li minħabba l-frammentazzjoni tas-settur bankarju u d-diverġenza kbira sussegwenti fir-rati ta' self u l-offerta ta' kreditu fost il-pajjiżi, jeħtieġ li jkun hemm approċċ differenzjat għat-titjib fl-aċċess għall-finanzjament għall-SMEs, b'kunsiderazzjoni taċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-pajjiż;

Id-diversità tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju

9. Ifakkar lill-Kummissjoni li l-SMEs madwar l-Ewropa huma eteroġenji ħafna, minn negozji tradizzjonali ħafna mmexxija mill-familja għal intrapriżi li jikbru b'rata mgħaġġla, ditti ta' teknoloġija avvanzata, mikrointrapriżi, intrapriżi soċjali u negozji li jkunu għadhom kemm jifih, u li l-approċċi biex jassistuhom għandhom ikunu diversi wkoll;
10. Jindika li fis-sitwazzjoni attwali fejn l-aċċess insuffiċjenti għal sorsi adegwati ta' kapital ta' riskju, partikolarment fl-istadji tal-bidu, għadu wieħed mill-aktar restrizzjonijiet sinifikanti għall-ħolqien u l-iżvilupp tad-ditti orjentati lejn it-tkabbir, il-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni jenfasizza ħafna l-kapital ta' riskju bħala mezz possibbli ta' finanzjament tat-tkabbir; jenfasizza, madankollu, li dan it-tip ta' finanzjament huwa adegwat biss għal

numru żgħir ta' SMEs u li s-self bankarju għadu s-sors ewlieni ta' finanzjament;

11. Jenfasizza li m'hemmx mezz ta' finanzjament wieħed tajjeb għal kulħadd, u jistieden lill-Kummissjoni tappoġġa l-iżvilupp ta' firxa wiesgħa ta' programmi, strumenti u inizjattivi mfasslin apposta, minn ekwità (bħal investituri privati (business angels), finanzjament kollettiv u faċilitajiet ta' kummerċ multilaterali) għal kważi ekwità (bħal finanzjament intermedju ('mezzanine finance')) u strumenti tad-debitu (bħal bonds ta' kumpaniji ta' ammonti żgħar ('small-ticket company bonds'), faċilitajiet ta' garanzija u pjattaformi), fi sħubijiet bejn il-banek u operaturi oħra involuti fil-finanzjament tal-SMEs (professjonisti tal-kontabilità, assoċjazzjonijiet tan-negozju jew tal-SMEs jew kmamar tal-kummerċ) sabiex in-negozji jiġu appoġġati fil-fażijiet tal-bidu, tat-tkabbir u tat-trasferiment b'kunsiderazzjoni tal-kobor, id-dħul u l-ħtiġijiet ta' finanzjament tagħhom;
12. Jenfasizza li l-Kummissjoni għandha tenfasizza r-rwol importanti li jista' jkollu s-suq tal-ishma sabiex itejjeb l-aċċess għal-likwidità kemm għall-SMEs u kemm għall-investituri fi stadji differenti; ifakkar li fiż-żona tal-euro diġà huma stabbiliti swieq tal-ishma mfasslin speċifikament għall-SMEs u li dawn tfasslu b'rispons għar-rekwiżiti speċifiċi tas-suq u tal-finanzjament;

Il-vulnerabbiltà tal-SMEs

13. Jitlob lill-Kummissjoni sabiex ir-regolamenti l-ġodda rilevanti għall-SMEs ikunu suġġetti għal valutazzjoni tal-impatt ġenerali u inklużiva, inkluż test rigoruż, filwaqt li jittieħdu inkunsiderazzjoni l-ħtiġijiet u l-isfidi li jridu jiffaċċjaw l-SMEs;
14. Jenfasizza l-fatt li l-SMEs spiss jinsabu fi tmiem katina twila tal-provvista u għaldaqstant huma dawk li l-aktar li jiġu affettwati minn ħlasijiet tard u perjodi qosra ta' ħlas; jilqa', għalhekk, l-inizjattiva tal-Kummissjoni li tinkoraġġixxi bil-qawwa lill-Istati Membri jaċċeleraw l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar il-Ħlasijiet Tard;
15. Jissottolinja l-fatt li l-istħarriġ tal-Kummissjoni juri li mhux biss l-aċċess għall-finanzi iżda wkoll l-aċċess għall-ħiliet, inklużi dawk maniġerjali u l-għarfien finanzjarju u tal-kontabilità, jikkostitwixxu fatturi kritiċi għall-SMEs sabiex ikollhom aċċess għall-fondi, ikunu innovattivi, jikkompetu u jikbru; jemma, għaldaqstant, li d-disponibilità ta' strumenti finanzjarji tal-UE għandu jiġi akkumpanjat minn forniment ta' skemi xierqa ta' gwida, pariri u taħriġ u servizzi tan-negozju bbażati fuq l-għarfien;
16. Iqis li hu meħtieġ li l-SMEs ikunu appoġġati fil-livell lokali sabiex jiġu żviluppati politiki għall-promozzjoni tal-intraprenditorija, sabiex tittejjeb is-sitwazzjoni tal-SMEs tul il-ħajja operattiva tagħhom u sabiex dawn jiġu megħjuna jkollhom aċċess għal swieq ġodda; jemma li r-rikonoxximent u l-iskambju ta' Prattiki tajba huma elementi ewlenin ta' din il-politika;

Lejn aktar professjonalità fl-intraprenditorija

17. Jinnota li n-nuqqas ta' għarfien bażiku tal-impreduturi fil-qasam tal-finanzi jillimita l-kwalità tal-pjanijiet ta' negozju u għaldaqstant ukoll is-suċċess ta' applikazzjonijiet għal kreditu; jistieden, għaldaqstant, lill-Istati Membri jipprovdu appoġġ għat-taħriġ professjonali għal impreduturi potenzjali kif ukoll għas-sħubijiet bejn banek, kmamar tal-kummerċ, assoċjazzjonijiet ta' negozju u professjonisti fil-kontabilità;

18. Jemmen li l-intraprenditorija femminili hija riżors mhux sfruttat għat-tkabbir u l-kompetittività tal-UE li għandu jiġi mrawwem u msaħħaħ u li għandhom jitneħħew l-ostakli kollha li jiffaċċjaw in-nisa fis-suq tax-xogħol;
19. Jemmen li fis-sistemi ta' edukazzjoni bażika għandhom jiġu inklużi l-iżvilupp ta' ħiliet imprenditorjali kif ukoll programmi ta' taġġim dwar kif is-suq, l-ekonomija u s-sistema finanzjarja joperaw, jiffunzjonaw u jaffettwaw lil xulxin; jemmen li pjan ta' negozju mħejji tajjeb huwa l-ewwel pass lejn aċċess aħjar għall-finanzi u l-vijabilità; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jinkludu mingħajr dewmien l-edukazzjoni finanzjarja fil-programmi edukattivi taġġim; jappoġġa, f'dan ir-rigward, il-programm 'Erasmus għall-Imprendituri Żgħażaġħ', imfassal sabiex jipromwovi kultura intraprenditorjali u jiżviluppa s-suq uniku u l-kompetittività;
20. Jemmen li jeħtieġ li jkun hemm strateġija speċjali għal negozji li jkunu għadhom kemm jifih u għodod finanzjarji biex jiġu implimentati proġetti innovattivi u tiġi żviluppata l-kreattività tal-imprendituri żgħażaġħ;
21. Jenfasizza l-fatt li f'uħud mill-Istati Membri diġà hemm element tal-aħjar prattika fil-qasam tat-titjib fit-tnejn tal-imprendituri; jistieden lill-Kummissjoni tappoġġa l-implimentazzjoni taġġim fi Stati Membri oħra;
22. Jenfasizza, li l-fatt li l-imprendituri u l-imprendituri potenzjali u l-banek jiġu infurmati bi kliem sempliċi u fuq bażi regolari dwar l-inizjattivi ta' taħriġ, il-finanzjament mill-UE u l-programmi għall-SMEs, huwa indispensabbli fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali, billi jeħtieġ li dawn japprofittaw ruħhom mill-opportunitajiet u l-miżuri kollha disponibbli; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-organizzazzjonijiet nazzjonali tal-SMEs jiġu infurmati kif xieraq dwar l-inizjattivi tal-UE u l-proposti ta' politika;
23. Jappella għal aktar sforzi komunikattivi min-naħa tal-grupp tal-BEI sabiex jiġu promossi skemi finanzjarji għall-komunità tal-SMEs b'kollaborazzjoni mal-organizzazzjonijiet tal-SMEs;
24. Jindika li fid-dawl tal-fatt li 15 % tan-negozji jaġġuq minħabba falliment, huwa indispensabbli li l-imprendituri li fallaw jingħataw gwida; jappoġġa s-semplifikazzjoni u t-tqassir fil-proċeduri ta' falliment sabiex l-imprendituri inkwistjoni jingħataw ċans ieħor, billi n-negozji stabbiliti minn persuni li jkunu se jifih negozju għat-tieni darba jista' jkollhom prestazzjoni aħjar;

It-trasparenza

25. Jinnota li l-għarfien tal-kredituri dwar l-għodod ta' kreditu ġeneralment huwa aħjar minn dak tal-imprendituri u li l-imprendituri għandhom jikkomunikaw aħjar mal-kredituri dwar il-pjan ta' negozju taġġim u dwar l-istrateġija taġġim fuq perjodu twil; jenfasizza li dawn il-lakuni fl-informazzjoni joħolqu diffikultajiet fid-diskussjoni dwar applikazzjoni għal kreditu; jirrikonoxxi l-fatt li jeħtieġ li l-SMEs jiksbu pariri mfasslin speċifikament dwar l-opportunitajiet ta' kreditu; jistieden lill-Kummissjoni trawwem l-iskambju tal-aħjar prattiki b'rabta ma' soluzzjonijiet speċifiċi fir-rigward tad-djalogu, il-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni bejn il-kredituri u l-imprendituri; jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ id-djalogu u l-kooperazzjoni bejn l-imprendituri u l-kredituri;

26. Jenfasizza li l-kredituri għandhom jistabbilixxu kriterji ċari u speċifiċi dwar l-applikazzjoni għall-finanzjament b'mod trasparenti; jenfasizza li meta kreditur jiċċad applikazzjoni għal kreditu totalment jew parzjalment, il-kreditur għandu jinforma lill-imprenditur b'mod adegwat u kostruttiv ir-raġunijiet għaċ-ċaħda; jistieden lill-Kummissjoni tiddefinixxi linji gwida ċari dwar dan l-approċċ kostruttiv lejn it-trasparenza;
27. Jinnota li fil-ħlas minn qabel ta' self, l-SMEs iridu jħallsu għat-telf ta' finanzjament, u spiss multa addizzjonali lill-kreditur, li twassal għal spiża totali li hija għolja wisq biex jifilħuha; jistieden lill-Kummissjoni tipproponi aktar trasparenza fil-kuntratti kollha dwar il-ħlas lura qabel il-waqt għall-SMEs u teżamina l-possibilità li jiġi stabbilit punt massimu sabiex l-ispejjeż għal din it-tip ta' operazzjoni jiġu limitati;
28. Jinnota li l-SMEs spiss iħabbtu wiċċhom ma' rekwiżiti dejjem aktar stretti, inklużi garanziji personali, sabiex jiksbu finanzjament mingħand istituzzjonijiet tal-kreditu; jinnota li rati ta' interessi aktar għoljin jistgħu jwasslu għal żieda fit-termini u l-kundizzjonijiet mhux marbuta mal-prezz, inklużi garanziji personali; iqis, għalhekk, li l-leġislazzjoni meħtieġa sabiex tiġi rregolata l-industrija finanzjarja għandha tħares u tistimola b'mod espliċitu s-self effikaċi lill-ekonomija reali, b'mod partikolari l-SMEs;
29. Jistieden lill-Istati Membri jnaqqsu l-piż amministrattiv fil-bidu u matul il-ħajja operattiva tal-SMEs, fid-dawl tad-differenzi f' dan il-qasam bejn il-pajjiżi li qed jostakolaw l-ikkompletar tas-suq uniku; jenfasizza li huwa importanti li jitnaqqsu n-numru ta' ġranet meħtieġa sabiex jinfetaħ negozju ġdid; jitlob lill-Kummissjoni teżamina l-aħjar prattiki potenzjali li jridu jiġu implimentati fl-Istati Membri; jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta l-possibilità li tintroduċi numru ta' identifikazzjoni uniku tal-SMEs, miżmum f'bażi ta' data Ewropea unika għall-SMEs, inkluża d-data finanzjarja kollha, li jippermetti lill-SMEs japplikaw b'mod aktar faċli għall-programmi u l-finanzjament nazzjonali u tal-UE; jindika li fl-introduzzjoni ta' tali numru ta' identifikazzjoni tal-SME, għandha tingħata attenzjoni lill-prinċipji tal-ħarsien tad-data;
30. Jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni sabiex tippromwovi l-użu ta' klassifikazzjoni kwalitattiva bħala għodda sabiex tiġi kkomplementata l-valutazzjoni kwantitattiva standard tal-affidabilità kreditizja tal-SMEs;

Modi ġodda ta' finanzjament

31. Jilqa' l-programmi ġodda ta' finanzjament tal-Kummissjoni, li jqisu l-karatteristiċi speċifiċi tal-SMEs; jistieden lill-Kummissjoni tkompli tiżviluppa l-finanzjament tal-UE mfassal apposta għall-SMEs; jenfasizza li l-frammentazzjoni tal-finanzjament għandha tiġi evitata u li l-finanzjament jista' jkun effikaċi biss meta jkun kapaċi jkopri parti sostanzjali ta' dak li huwa meħtieġ mill-SMEs inkwistjoni;
32. Jemmen bis-sħiħ li l-pakkett finanzjarju għall-istrumenti finanzjarji tad-debitu u l-ekwità fl-ambitu tal-Programm COSME u Orizzont 2020 għandu jiżdied sostanzjalment, u li l-aċċess tal-SMEs għal tali strumenti għandu jitjieb konsiderevolment;
33. Huwa tal-opinjoni li l-Kummissjoni għandha tesplora metodi għat-titjib tas-suq ta' kważi ekwità Ewropew, b'mod partikolari l-finanzjament intermedju; jirakkomanda lill-

Kummissjoni tistħarreġ kif għandha ssaħħaħ il-faċilità Mezzanina għat-Tkabbir tal-Fond Ewropew tal-Investment (FEI) u tinvestiga prodotti intermedji ġodda, bħal garanzija għal self intermedju; jirrakkomanda wkoll li jiġu pprovduti data u analiżi dwar l-istrumenti finanzjarji biex jitnaqqsu l-ostakli għal intermedjarji finanzjarji li jkunu jixtiequ jesploraw is-suq tas-self għal kapital intermedju fl-UE;

34. Jitlob li tal-anqas 20 % tal-baġit ta' Orizzont 2020 ikun allokat għall-finanzjament tal-innovazzjoni fl-SMEs;
35. Jinnota li l-garanziji tal-kapital huma apprezzati u użati ħafna mill-SMEs u l-istituzzjonijiet tal-kreditu; jilqa' l-isforzi tal-Kummissjoni dwar din il-kwistjoni; jistieden lill-Istati Membri jimplementaw qafas adegwat għall-garanziji tal-kapital;
36. Jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi qafas regolatorju xieraq u mfassal apposta għall-emittenti tal-finanzjament għall-SMEs li ma jkunx ta' piż għalihom u li jakkwista wkoll il-fiduċja tal-investituri (skont il-leġiżlazzjoni Ewropea dwar l-istandards tal-kontabilità, id-Direttiva dwar il-Prospett, id-Direttiva dwar it-Trasparenza, id-Direttiva dwar l-Abbuż tas-Suq u l-MIFID);
37. Jilqa' l-ftehim li ntlaħaq fil-laqgħa tal-Kunsill Ewropew tat-28 u tad-29 ta' Ġunju 2012 dwar iż-żieda fil-kapital tal-BEI bl-ammont ta' EUR 10 biljun, li se jippermetti lill-grupp BEI jżid il-kapaċità ta' self tiegħu ġewwa l-Unjoni b'madwar EUR 60 biljun tul il-perjodu 2012-2015 u jikseb madwar EUR 180 biljun f'investment totali u li b'hekk ikollu rwol pożittiv fil-kuntest tal-isforzi magħquda biex tingħata spinta lill-ekonomija Ewropea; jilqa' l-fatt li l-BEI, fil-prijoritajiet ta' self tiegħu, identifika b'mod speċifiku l-ħtieġa li tiġi estiża l-firxa ta' sħab bankarji għal self lill-SMEs sabiex jiġu inklużi intermedjarji finanzjarji u mhux konvenzjonali ġodda; jenfasizza li dan l-impenn il-ġdid m'għandux idgħajjef l-isforzi paralleli biex jissaħħu u jittejjbu l-istrumenti baġitarji konġunti tal-BEI u tal-Unjoni li jintużaw għall-kondiviżjoni tar-riskju u t-teħid ta' ishma tal-ekwità; fid-dawl ta' dan, jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ u tottimizza l-istrumenti tal-kondiviżjoni tar-riskju tal-Bank Ewropew tal-Investment u l-programmi tal-Fond Ewropew tal-Investment għall-portafolli tal-ekwità jew tal-finanzjament intermedju mogħti mill-istituzzjonijiet finanzjarji (intermedjarji) lill-SMEs; jirrikonoxxi li l-politika ta' koeżjoni hija waħda mis-sorsi ewlenin ta' appoġġ finanzjarju għall-SMEs u li programmi ta' finanzjament fl-ambitu tal-Fondi Strutturali, tnaqqis fil-burokrazija, u żieda fir-rapidità u l-effiċjenza huma essenzjali sabiex jitravwem l-irkupru tal-ekonomija tal-UE u l-kompetittività tagħha;
38. Jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi Pjattaforma ta' Garanzija Ewropea permanenti fl-ambitu tal-Fond Ewropew tal-Investment biex tiffaċilita l-aċċess tal-SMEs għall-finanzi, li ttejjeb l-iżvilupp tal-garanziji jew tal-prodotti tas-self ibbażati fuq garanziji Ewropej u tnaqqas ir-rekwiżiti tal-kapital bankarju u l-espożizzjoni għar-riskji għall-intermedjarji finanzjarji;
39. Iħeġġeġ lill-BEI jkompli jibni fuq l-inizjattiva ta' Mikrofinanzjament tal-Proġetti u b'hekk ikattar il-kontribut tiegħu lejn l-iżvilupp tal-prijoritajiet ta' politika tal-UE fil-qasam tal-inklużjoni soċjali;
40. Jinnota li f'uħud mill-Istati Membri hemm ammont rekord ta' tfaddil domestiku fil-kontijiet tal-bank, filwaqt li fi Stati Membri oħrajn id-depożiti qed jonqsu minħabba l-

effetti tal-kriżi; jenfasizza li l-ħolqien ta' qafas adatt ta' inċentivi sabiex dan it-tfaddil domestiku jiġi attivat għandu jiffaċilita l-aċċess tal-SMEs għall-finanzi, kemm dawk nazzjonali u kemm dawk transkonfinali, u jagħti spinta lill-ekonomija tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni tressaq proposta dwar l-attivazzjoni ta' dan it-tfaddil, pereżempju billi tintroduċi inċentivi abbażi tal-aħjar Prattiki li jeżistu fi ħdan l-Istati Membri;

41. Jinnota li l-SMEs jikkontribwixxu lejn l-okkupazzjoni f'reġjuni fejn il-livelli ta' impjiegi huma aktar baxxi, filwaqt li jstimolaw żieda fl-impjiegi u jgħinu biex jissodisfaw il-ħtiġijiet attwali tar-residenti u għalhekk ikollhom effett pożittiv fuq l-iżvilupp tal-komunitajiet lokali; jemmen għalhekk, li l-iżvilupp tal-SMEs huwa mod kif titnaqqas id-dispartità fil-livell nazzjonali;
42. Jilqa' l-appoġġ għall-SMEs u l-mikrointrapriżi permezz ta' inizjattivi bħall-Programm tal-Unjoni Ewropea għall-Bidla u l-Innovazzjoni Soċjali (PSCI), il-Programm Ewropa Kreattiva (inkluż il-Mekkaniżmu ta' Garanzija għas-Self favur is-Settur Kulturali u Kreattiv), COSME u Orizzont 2020 li joħolqu mezzi ġodda kif jiġu żviluppati l-ħiliet u l-għarfien li jippermettu lill-SMEs u lill-mikrointrapriżi jiżviluppaw b'mod dinamiku;
43. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jindirizzaw modi kif jista' jittejjeb l-aċċess għall-finanzjament għall-SMEs bil-għan li jiġu pprovduti xogħlijiet, provvisti jew servizzi innovattivi lis-settur pubbliku; jitlob b'mod partikolari miżuri li jtejbju l-kundizzjonijiet tal-finanzjament billi jiżguraw li l-kapital ta' riskju u l-flussi ta' finanzjament rilevanti l-oħra jirrikonoxxu bis-siġħ il-potenzjal tat-tkabbir tal-intrapriżi innovattivi li jaħdmu mal-imsieħba mis-settur pubbliku kemm fuq proġetti ta' akkwist prekummerċjali u kemm fil-kuntast tas-Sħubijiet għall-Innovazzjoni;
44. Jenfasizza li qafas regolatorju tal-UE dwar l-akkwist pubbliku li jkun ġust, miftuħ u trasparenti u infurzar proporzjonat, trasparenti u mhux diskriminatorju tad-Direttiva 96/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 1996 dwar l-impjiegi ta' ħaddiema fil-qafas ta' prestazzjoni ta' servizzi¹ huma indispensabbli sabiex l-SMEs jiksbu aċċess aħjar għall-kuntratti pubbliċi u jkunu jistgħu realment iwettqu b'suċċess dawn il-kuntratti;
45. Iżid jgħid li għandhom jittieħdu l-miżuri sabiex jiġi żgurat li s-semplifikazzjoni tal-attività transkonfinali għall-SMEs ma tiffaċilitax, fl-istess ħin, l-attività transkonfinali fil-kuntast ta' impjiegi indipendenti fittizji, b'mod speċjali fis-settur tal-kostruzzjoni;
46. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Bank Ċentrali Ewropew, lill-Bank Ewropew tal-Investment, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri.

¹ ĠU L 18, 21.1.1997, p.1.

NOTA SPJEGATTIVA

L-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) huma importanti ħafna għall-Unjoni Ewropea. Dawn huma s-sinsla tal-ekonomija Ewropea u huma xpruni importanti tat-tkabbir ekonomiku fl-Unjoni Ewropea. L-SMEs jikkontribwixxu bil-kbir lejn il-ħolqien tal-impjiegi fi ħdan is-27 Stat Membru tal-Unjoni Ewropea.

Iżda l-SMEs huma vulnerabbli. U dan deher biċ-ċar fil-konsegwenzi tal-kriżi. Minħabba l-kriżi, uħud mill-kredituri saru aktar prudenti fl-għoti tal-kreditu lill-SMEs. Xi drabi prudenti wisq, filwaqt li investiment baxx wisq jista' jwassal għal kriżi tal-kreditu. Barra minn hekk, ir-regoli ġodda u stretti fir-rigward pereżempju tal-istituzzjonijiet finanzjarji u r-reqwiziti ta' kapital, implimentati kemm mill-awtoritajiet tal-UE u kemm daww nazzjonali, għamlu aktar diffiċli l-aċċess għall-finanzi għall-SMEs. Barra minn hekk, l-SMEs spiss jinsabu fi tmiem katina twila tal-provvista u għaldaqstant huma daww li l-aktar li jiġu affettwati minn ħlasijiet tard u mill-perjodi ta' ħlas kif qed jintużaw illum il-ġurnata.

Fid-diskussjoni mal-partijiet interessati dwar il-problemi għall-SMEs fir-rigward tal-aċċess għall-finanzi, ġew identifikati diversi kwistjonijiet. Jidher li ż-żieda fil-prudenza min-naħa tal-kredituri fl-għoti ta' self lill-SMEs mhijiex fatt fl-Istati Membri kollha. F'xi Stati Membri ġie investit ammont rekord fl-SMEs matul dawn l-aħħar snin.

Min-naħa l-oħra, il-partijiet interessati kollha jaqblu li l-awtoritajiet Ewropej u nazzjonali għandhom joqogħdu attenti huma u jstabbilixxu regoli ġodda għar-reqwiziti ta' kapital. Billi ma hemm l-ebda valutazzjoni ġenerali tal-impatt li tkopri r-regoli differenti kollha implimentati, il-konsegwenzi għas-settur finanzjarju u l-aċċess tal-SMEs għall-finanzi huma inċerti għall-aħħar.

Madankollu għandha tiġi evitata wkoll reazzjoni eżaġerata min-naħa tal-kredituri għar-reqwiziti ta' kapital il-ġodda.

Issem mew ukoll problemi strutturali oħra, li kienu jeżistu diġà u li ma għandhom l-ebda rabta diretta mal-kriżi. Waħda mid-diffikultajiet il-kbar fin-negozjar ta' kuntratt ta' kreditu hija n-nuqqas ta' informazzjoni bejn l-SMEs u l-kredituri. Iż-żewġ partijiet jaqblu li komunikazzjoni aħjar għandha twassal biex il-kredituri jifhmu aħjar il-ħtieġa ta' kreditu għall-SME u biex l-SMEs jifhmu aħjar id-diversi għażliet ta' kreditu. Min-naħa l-oħra, monitoraġġ aktar regolari tas-sitwazzjoni finanzjarja tal-SMEs u għarfien finanzjarju bażiku jistgħu jiffaċilitaw negozjar aktar rapidu.

In-nuqqas ta' trasparenza, pereżempju fil-ħlas minn qabel ta' self, ukoll huwa problema għall-SMEs. It-telf ta' finanzjament u l-multa addizzjonali mhux dejjem ikunu definiti tajjeb minn qabel. Xi drabi, l-ispiża totali ta' ħlas minn qabel hija saħansitra tant kbira li l-SMEs ma jkunux jifilħuha, u b'hekk ikun impossibbli jsir rieżami tal-investiment u tad-deċiżjoni għall-kreditu tagħhom.

Minħabba reqwiziti ta' kapital aktar stretti, il-kredituri spiss jitolbu garanziji personali addizzjonali, apparti garanziji bankarji regolari. Dan jista' jservi ta' ostakolu addizzjonali għall-impreduturi sabiex jifhmu negożju għdid jew ikomplu jinvestu fl-SME tagħhom.

Il-partijiet interessati nfushom issuġġerew xi soluzzjonijiet li jistgħu jtejbu l-aċċess għall-finanzi għall-SMEs: (1) li s-settur isir professjonali; (2) li jkun hemm kooperazzjoni u skambju ta' informazzjoni aħjar bejn l-SMEs u l-kredituri; (3) li jsir monitoraġġ aktar regolari tas-sitwazzjoni finanzjarja tal-SME; (4) li jiġu stabbiliti regoli ċari dwar l-użu ta' garanziji (personali); (5) li jiġu stabbiliti regoli ċari dwar il-ħlas minn qabel ta' kreditu, il-multi possibbli u l-kalkolu tat-telf fil-qligħ. Fil-'Pjan ta' azzjoni għat-titjib tal-aċċess għall-finanzi għall-SMEs', il-Kummissjoni tippreżenta proposti u soluzzjonijiet tajbin. Iżda ma teżistix 'SME waħda', u nixtiequ nenfasizzaw li m'hemmx soluzzjoni waħda li tgħodd għal kulħadd u li tipi differenti ta' SMEs kollha għandhom ħtiġijiet differenti.

Għalhekk, nilqgħu l-proposta tal-Kummissjoni, iżda nixtiequ nenfasizzaw li l-kapital ta' riskju, enfazzat għustament mill-pjan ta' azzjoni tal-Kummissjoni, huwa biss mezz adatt wieħed ta' finanzjament tat-tkabbir għal numru żgħir ta' SMEs. Għalhekk nitolbu lill-Kummissjoni tappoġġa wkoll mekkaniżmi ta' finanzjament alternattivi.

F'dan iż-żmien ta' kriżi hemm it-tendenza li l-unitajiet domestiċi jagħżlu t-tfaddil flok il-konsum. F'uħud mill-Istati Membri hemm ammont rekord ta' tfaddil domestiku fil-kontijiet tal-bank. Għaldaqstant nixtiequ li l-Kummissjoni tistudja kif l-UE u l-Istati Membri jistgħu jiffaċilitaw l-attivazzjoni tat-tfaddil billi pereżempju jiġu introdotti inċentivi fiskali.

4.12.2012

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IMPJIEGI U L-AFFARIJET SOĊJALI

għall-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

dwar it-titjib tal-aċċess għall-finanzi għall-SMEs
(2012/2134(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Anthea McIntyre

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal rizzoluzzjoni tiegħu:

1. Jenfasizza li l-SMEs jipprovdu madwar 90 miljun impjeg fl-UE, fejn 30 % minnhom joriġinaw minn mikroimpriżi , u li 85 % tal-impjiegi ġodda kollha bejn l-2002 u l-2012 inħolqu minn SMEs, partikolarment minn kumpaniji godda¹;
2. Jinnota li l-SMEs jikkontribwixxu biex jattivaw il-popolazzjoni fir-reġjuni fejn il-livelli ta' impjiegi huma aktar baxxi, filwaqt li jstimolaw żieda fl-impjiegi u jgħinu biex jissodisfaw il-ħtiġijiet attwali tar-residenti u għalhekk ikollhom effett pożittiv fuq l-iżvilupp tal-komunitajiet lokali; jemma, għalhekk, li l-iżvilupp tal-SMEs huwa mod kif jitnaqqsu d-dispartitajiet fil-livell nazzjonali;
3. Jirrimarka li l-SMEs jistgħu joħolqu tkabbir u impjiegi biss jekk ikunu disponibbli wkoll opportunitajiet finanzjarji favorevoli għall-investimenti bi profil ta' riskju ogħla;
4. Jinnota li l-kapital ta' riskju jintuża biss minn 7 % tal-SMEs Ewropej u li 60 % tan-negozji jgħidu li l-kapital ta' riskju mhuwiex applikabbli għalihom; jinnota li 22 % oħra ma jħossuhomx komdi jagħmlu negozji b'fondi tal-kapital ta' riskju²;
5. Jenfasizza li l-fondi ta' self, li huma mmirati għall-mikroimpriżi, impriżi żgħar u persuni qegħda li jixtiequ jibdeu negozju, jirriżultaw fl-istimulazzjoni tal-intraprenditorija lokali u partikolarment tar-responsabbiltà tal-investment, filwaqt li b'hekk jipromwovu l-ħolqien

¹ Il-Kummissjoni Ewropea, 'Ir-rendiment u l-politika tal-kompetittività tal-Istati membri: It-tisħiħ tal-kompetittività, edizzjoni 2011'.

² Il-BĊE u l-Kummissjoni Ewropea, Stħarriġiet 'SMEs' Access to Finance', 2009-2011

tal-impjiegi;

6. Jilqa', għalhekk, l-opportunitajiet offruti lill-SMEs għall-investment mill-Fondi Strutturali; jemma li jeħtieġ, għalhekk, li tali aċċess ikun faċilitat għall-SMEs u li dawn jiġu infurmati aħjar dwar dawn il-possibilitajiet;
7. Jinnota li l-aċċess għall-finanzi affordjabbli huwa kruċjali għall-finanzjament tal-investment tan-negozju biex jassigura li n-negozji jilhq u l-potenzjal ta' tkabbir tagħhom u jiffaċilita l-bidu ta' negozji ġodda, fuq kollox għall-impriżi żgħar ħafna u l-impriżi ta' ekonomija soċjali, filwaqt li b'hekk jikkontribwixxi għat-tkabbir futur, iż-żamma tal-impjiegi attwali u l-promozzjoni tal-ħolqien tal-impjiegi; jenfasizza li l-aċċess għall-finanzjament huwa importanti b'mod speċjali għaż-żgħażaġh li jstabilixxu n-negozju tagħhom u l-imprendituri li ġejjin minn ambjent soċjalment żvantaġġat jew li jimpjegaw persuni li ġejjin minn dan l-ambjent;
8. Jinnota li huwa impossibbli għall-SMEs u speċjalment għall-mikroimpriżi li jakkwistaw aċċess għall-kreditu mingħajr depożitu, u għandu jiġi inkoraġġit kull sforz biex jiġu żgurati garanziji bankarji għall-ħolqien ta' negozju; jenfasizza li, partikolarment f'perjodi ta' kriżi ekonomika, il-finanzjament fl-ambitu tal-programmi Ewropej u nazzjonali għandu jkun immirat bi prijorità għall-SMEs sabiex johlq opportunitajiet ta' impjiegi; jitlob lill-Istati Membri jeżaminaw kif jistgħu jissempjifikaw bl-aħjar mod il-proċeduri tagħhom sabiex jiżguraw li l-aċċess għall-kapital ikun possibbli b'mod mhux burokratiku, u b'hekk jgħin fit-tweġiq tat-tkabbir, il-ħolqien tal-impjiegi u l-innovazzjoni;
9. Jilqa' l-appoġġ għall-SMEs u l-mikroimpriżi permezz ta' inizjattivi bħal PSCI, il-Programm Ewropa Kreattiva (inkluż il-Mekkaniżmu ta' Garanzija għas-Self favur is-Settur Kulturali u Kreattiv) COSME u Orizzont 2020 li joħlqu mezzi ġodda biex jittejbu l-għarfien u l-ħiliet li jippermettu lill-SMEs u lill-mikroimpriżi jiżviluppaw b'mod dinamiku;
10. Jissuġġerixxi l-faċilitazzjoni u l-promozzjoni tal-aċċess għal informazzjoni soċjali u ambjentali dwar in-negozji permezz ta' tikketta, sabiex jattiraw il-fondi ta' investment b'mod aktar faċli;
11. Jenfasizza li, minkejja l-inizjattivi tal-UE bħad-Direttiva dwar Ħlasijiet Tard, għad hemm ostakli serji għall-bidu u l-iżvilupp tal-SMEs, bħalma huma aċċess ristrett għall-finanzi u l-kostijiet kbar tal-finanzjament, li jaffettwaw l-abbiltà tal-SMEs li jżommu l-impjiegi eżistenti u li joħlqu imjiegi ġodda;
12. Jappella biex jiġu introdotti regoli li jesigū li l-istituzzjonijiet ta' kreditu jipprovdu tweġiba fil-pront għal talba ta' finanzjament minn SME;
13. Iħeġġeġ l-Istati Membri jħaffu l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar Ħlasijiet Tard, minħabba li d-diffikultajiet innutati fil-livell tal-ħlasijiet ta' tranżazzjonijiet kummerċjali – fil-kuntest ta' kriżi ekonomika kbira – affettwat konsiderevolment is-sostenibbiltà finanzjarja tal-SMEs;
14. Jilqa' l-offerta tal-Kummissjoni li taġixxi f'kooperazzjoni mas-sħab soċjali sabiex ikollha rwol ta' koordinazzjoni fl-iskambju tal-aħjar Prattiki bejn l-Istati Membri fir-rigward tal-

finanzjament tal-SMEs;

15. Jenfasizza r-rwol importanti li għandu l-Bank Ewropew ta' Investiment fit-teħid ta' miżuri speċifiċi diretti li jiffaċilitaw l-aċċess għall-finanzjament, speċjalment għal negozji żgħar u mikroimpriżi;
16. Jitlob li jiġu stabbiliti regoli sempliċi, ħliet meta jkun speċifikat kif xieraq, li jippermettu li l-assi ta' impriża jiġu separati minn dawk tad-direttur, anke jekk id-direttur ta' impriża jeżerċita l-attività tiegħu fuq bażi individwali;
17. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jistudjaw il-possibbiltà li jiġu adottati mekkaniżmi eċċellenti ta' analiżi tas-suq bħala strumenti biex jiġu appoġġati l-isforzi ta' internazzjonalizzazzjoni tal-attivitajiet tal-SMEs u biex jinħolqu makkaniżmi ta' appoġġ tal-pjanifikazzjoni strateġika tagħhom;
18. Jinnota l-benefiċċji ta' forom ġodda ta' finanzjament permezz ta' skemi innovattivi u rotot mhux bankarji, bħall-iskemi tas-self inter pares, il-mikrokrediti, il-bonds tal-SMEs u l-prodotti tal-fatturazzjoni, li jistgħu jgħibu investiment essenzjali għall-impriżi soċjali u għaż-żgħażaġħ indipendenti;
19. Jinnota l-valur potenzjali ta' banek ta' investiment nazzjonali jew reġjonali, li jistgħu jipprovdu finanzi affordjabbli lill-SMEs meta banek kummerċjali u sorsi oħra ta' finanzjament privat ma jkunux aċċessibbli;
20. Jinnota li n-nuqqas ta' għarfien u ta' informazzjoni jista' jaffettwa l-provvista lill-SMEs ta' finanzjament, kemm tad-dejn u kemm tal-ekwità, bir-riżultat li negozji potenzjalment vijabbli jiġu miċħuda l-finanzjament, u dan ixekkel l-iżvilupp jew il-ħolqien ta' SMEs u mikroimpriżi vijabbli; jirrikonoxxi li l-"one-stop shops" u l-gvern elettroniku jistgħu jikkontribwixxu biex il-problema tittaffa billi jipprovdu l-informazzjoni rilevanti kollha lill-SMEs b'mod faċilment aċċessibbli;
21. Jistieden lill-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, tiegħu azzjoni biex tipprovdi informazzjoni komprensibbli, komprensiva u speċjalizzata f'livell reġjonali u lokali għal SMEs li jfittxu l-finanzjament, sabiex tiffaċilita l-aċċess tagħhom għal opportunitajiet ta' finanzjament u tnaqqas id-defiċit ta' informazzjoni, li huwa r-raġuni ewlenija għaliex l-SMEs ikunu limitati b'aċċess ristrett għall-finanzjament, li min-naħa tiegħu ikollu impatt fuq l-abbiltà tagħhom li jgħolqu opportunitajiet ta' impjieġ;
22. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu eżaminati l-ostakli għall-investimenti transkonfinali fil-livell tal-UE, bil-għan li jiġi inkoraġġit l-użu transkonfinali ta' finanzjament min-naħa u l-prevenzjoni tal-evażjoni fiskali u l-evitar tat-taxxa min-naħa l-oħra;
23. Jenfasizza l-ħtieġa li l-Istati Membri jiffaċilitaw l-aċċess tal-SMEs għall-finanzi permezz ta' proċeduri trasparenti, bil-għan li tissaħħaħ il-kompetittività tal-ekonomija, jinżammu l-livelli ta' impjieġi u jiġi miġġieled il-qgħad;
24. Jilqa' t-test imsaħħaħ tal-SMEs, li jiżgura li l-għażliet disponibbli kollha jkunu valutati regolarment waqt l-iżvilupp ta' proposti leġislattivi ġodda b'mod li ma jitpoġġewx piżijiet sproporzjonati fuq l-SMEs u l-mikroimpriżi; jenfasizza, madankollu, li tali miżuri

m'għandhomx japplikaw għal dispożizzjonijiet rigward is-saħħa u s-sikurezza fuq ix-xogħol;

25. Jirrikonoxxi li l-piżijiet amministrattivi u r-riskji finanzjarji relatati mal-aċċess għall-finanzi jistgħu jirriżultaw fi stress u f'impatti oħra negattivi għas-saħħa kemm tal-impjegati kif ukoll tas-sidien tal-SMEs u l-mikroimpriżi; jenfasizza l-ħtieġa li r-regolamentazzjoni soċjali u dwar l-impjiegi tikkontribwixxi għall-benessri tal-imprendituri u l-impjegati tagħhom mingħajr ma toħloq ostakli oħra għas-suċċess tagħhom;
26. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jikkunsidraw l-argumenti soċjali u ekonomiċi qawwija favur l-użu tal-inizjattivi tal-UE sabiex iħejju lil sidien potenzjali u eżistenti tal-SMEs bil-ħiliet adegwati, l-għodod u l-għarfien meħtieġa għal ġestjoni finanzjarja li tirnexxi.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	29.11.2012
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 35 -: 0 0: 2
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Regina Bastos, Heinz K. Becker, Jean-Luc Bennahmias, Phil Bennion, Pervenche Berès, Vilija Blinkevičiūtė, Alejandro Cercas, Emer Costello, Frédéric Daerden, Karima Delli, Sari Essayah, Richard Falbr, Thomas Händel, Marian Harkin, Nadja Hirsch, Danuta Jazłowiecka, Martin Kastler, Ádám Kósa, Jean Lambert, Veronica Lope Fontagné, Olle Ludvigsson, Thomas Mann, Elisabeth Morin-Chartier, Csaba Óry, Konstantinos Poupakis, Sylvana Rapti, Licia Ronzulli, Nicole Sinclair, Joanna Katarzyna Skrzydlewska, Andrea Zaroni, Inês Cristina Zuber
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Georges Bach, Edite Estrela, Sergio Gutiérrez Prieto, Filiz Hakaeva Hyusmenova, Svetoslav Hristov Malinov, Anthea McIntyre, Antigoni Papadopoulou, Evelyn Regner, Csaba Sógor
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Jens Geier, Åsa Westlund

30.11.2012

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAS-SUQ INTERN U L-ĦARSIEN TAL-KONSUMATUR

għall-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

dwar it-titjib tal-aċċess għall-finanzi għall-SMEs
(2012/2134(INI))

Rapporteur: Jorgo Chatzimarkakis

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal rizzoluzzjoni tiegħu:

1. Jilqa' l-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni u l-miżuri meħuda biex jiffaċilitaw l-aċċess għall-finanzi għall-SMEs;
2. Jilqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni maħsuba biex tiffaċilita l-aċċess għall-fondi ta' investiment fit-tul għall-kumpaniji skont l-Att dwar is-Suq Uniku;
3. Jinnota li 99 % tan-negozji kollha Ewropej huma SMEs, jipprovdu 85 % tal-impjeg, u li f'ħaqqa każijiet netwerks ta' SMEs żgħar jipprovdu appoġġ affidabbli lil kumpaniji akbar; jemmen li l-SMEs huma, għaldaqstant, forza mexxejja fl-ekonomija Ewropea, u għandhom responsabilità primarja għall-ħolqien tal-impjeg, tkabbir sostenibbli u innovazzjoni;
4. Jirrimarka li l-SMEs madwar l-Ewropa huma eteroġeni ħaqqa f'termini tal-mudelli tan-negozju li huma jużaw u fil-kriterji ta' investiment u innovazzjoni li huma japplikaw, u għaldaqstant iħabbtu wiċċhom ma' tipi differenti ta' sfidi ta' finanzjament; jenfasizza li dan għandu jiġi rifless fil-modi ta' finanzjament tagħhom u jirrakkomanda metodi differenzjati ta' analiżi u ta' appoġġ għal kull mudell ta' investiment;
5. Jinnota li l-kriżi finanzjarja fl-UE wasslet għal sensiela ta' fallimenti tal-banek Ewropej, bir-riżultat li minn naħa waħda dawk li jsellfu l-flus huma anqas lesti li jagħtu kreditu lill-SMEs, u b'hekk qed ifixklu l-aċċess tal-SMEs għall-finanzi, filwaqt li min-naħa l-oħra ġiet preġudikata l-fiduċja tal-kumpaniji fl-istituzzjonijiet li jsellfu l-flus, u b'hekk huma joqogħdu lura milli japplikaw għall-kreditu; jinsab imħasseb li s-settur bankarju, dejjem

iżjed sensibbli għall-kapital u għar-riskji, qed jitlob aktar garanziji u primjums ogħla għar-riskju, u dawn iż-żewġ rekwiżiti qed jirriżultaw f'finanzjamenti insuffiċjenti u opportunitajiet ta' negozju u impjegi li qed jintilfu f'dan is-settur kbir ħafna tal-ekonomija; iqis, għaldaqstant, li d-disponibilità ta' skemi ta' garanzija għall-kreditu u għas-self huma kruċjali biex jiġi sfruttat il-potenzjal għal tkabbir u impjegi li joffru l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju;

6. Jenfasizza li ż-żieda fit-tassazzjoni imposta mill-pjanijiet ta' aġġustament fiskali fl-Istati Membri li jinsabu taħt intervent qed tagħmel il-ħajja diffiċli ħafna għall-SMEs u l-konsumaturi; jitlob għal miżuri li jippermettu lill-SMEs japplikaw aktar faċilment għall-programmi u l-finanzjament tal-UE u nazzjonali; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tippreżenta studju tal-valutazzjoni tal-impatt dwar l-aġġustament fiskali, li jiffoka speċifikament fuq l-SMEs;
7. Jindika li għandha tingħata attenzjoni speċjali għall-fatt li l-kriżi ekonomika wasslet għall-falliment ta' ħafna negozji vijabbli; għalhekk jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jipprovdu l-appoġġ finanzjarju bħala t-tieni ċans għall-imprendituri biex jibdeu negozju ġdid;
8. Jistieden lill-Istati Membri joħolqu proċeduri mħaffin u punti ta' kuntatt uniċi ('one-stop shops') għall-SMEs sabiex jissaħħaħ it-twaqqif ta' negozji ġodda kif ukoll biex jiffaċilitaw l-aċċess tagħhom għas-swieq internazzjonali; jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi aktar koerenza bejn id-diversi programmi li jipprovdu garanziji, u bilanċ tajjeb bejn l-iskemi nazzjonali u dawk tal-UE li jappoġġaw il-finanzjament tal-innovazzjoni jew il-forniment ta' kapital ta' riskju lill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju;
9. Jistieden lill-Kummissjoni biex tkompli ttejjeb il-kooperazzjoni mal-banek nazzjonali tal-iżvilupp u mal-banek kummerċjali sabiex jakkumulaw l-esperjenza, jiskambjaw l-aħjar prattiki, jiżviluppaw sinerġiji u jidentifikaw metodi kif il-programmi tal-finanzjament tal-SMEs tal-UE jistgħu jiġu simplifikati u standardizzati, u tiegħu azzjoni li tippermetti lill-banek eżistenti ta' investiment għall-SMEs jespandu l-operat tagħhom fi Stati Membri oħrajn skont il-kundizzjonijiet fis-seħħ f'dawk l-Istati Membri;
10. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jappoġġjaw lill-business angels (investituri privati) u jipprovdu inċentivi fiskali adegwati għal dan il-mudell ta' finanzjament; jistieden, barra minn hekk, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu l-programmi tal-finanzi kooperattivi li jinvolvu d-diriġenti bl-esperjenza u rtirati u l-fornituri tal-finanzi;
11. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jipprovdu aktar informazzjoni dwar l-inizjattivi tal-UE li jappoġġjaw il-finanzjament tal-SMEs, inkluż il-Programm għall-Kompetittività tal-Intrapriżi u l-SMEs (COSME);
12. Iqis li l-mobilizzazzjoni tat-tfaddil domestiku hija strument kruċjali biex jiġi stimolat l-investiment favur l-SMEs; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tressaq mill-aktar fis possibbli proposta bl-għan li titjieb il-mobilizzazzjoni tal-kapital disponibbli għall-SMEs;
13. Jenfasizza l-importanza ta' aċċess aħjar għall-informazzjoni mill-SMEs; jistieden, għaldaqstant, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jagħtu lill-imprendituri, permezz ta'

websajt Ewropea unika, informazzjoni kompluta u valida dwar l-aċċess għal finanzjament adegwat, li tkun disponibbli fil-lingwi kollha tal-UE, flimkien ma' referenzi utli;

14. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jindirizzaw modi ta' kif jista' jitjieb l-aċċess għall-finanzjament għall-SMEs bil-għan li jipprovdu xogħlijiet, provvisti jew servizzi innovattivi lis-settur pubbliku; jitlob b'mod partikolari miżuri li jtejbju l-kundizzjonijiet tal-finanzjament billi jiżguraw li l-kapital ta' riskju u l-flussi ta' finanzjament rilevanti l-oħra jirrikonoxxu bis-sħiħ il-potenzjal tat-tkabbir tal-intrapriżi innovattivi li jaħdmu mal-imsieħba mis-settur pubbliku kemm fuq proġetti ta' akkwist prekommerċjali kif ukoll fil-kuntest tas-Sħubijiet għall-Innovazzjoni;
15. Jenfasizza l-ħtieġa li l-istudenti u l-professuri tagħhom jingħataw aktar għarfien dwar l-intraprenditorija; jenfasizza l-importanza li l-impreditori li jkunu qed jitħarrġu jiġu offruti programmi edukattivi xierqa dwar l-aċċess għall-finanzjament;
16. Jistieden lill-Istati Membri jnaqqsu l-piżijiet burokratiċi u jissimplifikaw il-proċeduri li jfixklu t-twaqqif ta' negozji ġodda u joħolqu ostakoli għall-SMEs sabiex jibqgħu għaddejjin fin-negozju, b'mod speċjali fid-dawl tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-23 ta' Novembru 2011 bl-isem 'L-imminimizzar tal-piż regolatorju għall-SMEs – L-adattament tar-regolamentazzjoni tal-UE għall-bżonnijiet tal-intrapriżi mikro' (COM(2011)0803); jenfasizza, f'dan ir-rigward, l-importanza li l-Kummissjoni u l-Istati Membri japplikaw it-test tal-SMEs b'mod konsistenti fl-oqsma kollha rilevanti tal-politika;
17. Jitlob lill-Kummissjoni tippromwoni regolamenti u linji gwida ssimplifikati u anqas għaljin, speċjalment għall-programmi maħsuba bħala appoġġ għal finanzjament ta' volum baxx għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju fil-forma ta' garanziji u strumenti mezzanini jew ta' ekwità;
18. Jenfasizza l-importanza tat-tnaqqis tal-formalitajiet meħtieġa biex jinbeda negozju ġdid u jistieden lill-Kummissjoni tistudja l-aħjar Prattiki fl-Istati Membri kollha u tippromwovi t-tixrid tal-istess ta' suċċess;
19. Jistieden lill-Istati Membri jiffaċilitaw l-aċċess tal-SMEs għall-fondi billi jissimplifikaw ir-regoli dwar is-sottomissjoni tad-data u jippromwovu r-repożitorji onlajn tad-data għaċċertifikati u dokumenti oħra ta' prova;
20. Jistieden lill-Istati Membri jittrasponu d-Direttiva dwar il-Flasijiet Tard¹ mill-aktar fis possibbli;
21. Jenfasizza l-importanza, bil-għan li tiġi żgurata l-provvista tal-fondi għall-investiment fl-SMEs, li l-SMEs jiġu meġħjuna jattiraw l-investituri, b'mod partikolari billi jiġu meġħjuna jsiru aktar professjonali fl-iżvilupp ta' pjanijiet ta' negozju konvinċenti;
22. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jindirizzaw is-simplifikazzjoni tat-taxxa u l-proċeduri amministrattivi relatati għall-SMEs u jneħħu l-piżijiet li baqa', b'mod li jkun hemm sostenn aħjar għall-investiment, jiġi ffaċilitat il-kummerċ transkonfinali u jiġu

¹ ĠU L 48, 23.2.2011, p.1.

stimulati l-produttività u t-*tkabbir*;

23. Jenfasizza li qafas regolatorju tal-UE dwar l-akkwist pubbliku li jkun ġust, miftuħ u trasparenti u l-infurzar proporzjonat, trasparenti u mhux diskriminatorju tad-Direttiva 96/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 1996 dwar l-impjieg ta' ħaddiema fil-qafas ta' prestazzjoni ta' servizzi¹ huma indispensabbli sabiex l-SMEs jiksbu aċċess aħjar għall-kuntratti pubbliċi u jkunu jistgħu realment iwettqu dawn il-kuntratti;
24. Iżid jgħid li għandhom jittieħdu l-miżuri sabiex jiġi żgurat li s-simplifikazzjoni tal-attività transkonfinali għall-SMEs ma tiffaċilitax, fl-istess ħin, l-attività transkonfinali fil-kuntest ta' impjieg indipendenti fittizji, b'mod speċjali fis-settur tal-kostruzzjoni;
25. Iqis li, sabiex ikun żgurat li l-fondi jaslu għand l-SMEs, għandha tidħol fis-seħħ sistema ta' monitoraġġ li tiżgura li l-banek jużaw il-fondi u jggarantixxu li jżidu s-self tagħhom lill-SMEs; huwa tal-fehma li dan jista' jinkludi skemi ta' rappurtar u kodiċi ta' kondotta għall-banek li jsellfu l-flus lill-SMEs;

¹ ĠU L 18, 21.1.1997, p.1.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	28.11.2012						
Riżultat tal-votazzjoni finali	<table style="width: 100%; border: none;"> <tr> <td style="width: 100px;">+:</td> <td style="text-align: right;">35</td> </tr> <tr> <td>-:</td> <td style="text-align: right;">1</td> </tr> <tr> <td>0:</td> <td style="text-align: right;">0</td> </tr> </table>	+:	35	-:	1	0:	0
+:	35						
-:	1						
0:	0						
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Pablo Arias Echeverría, Birgit Collin-Langen, Lara Comi, Anna Maria Corazza Bildt, Cornelis de Jong, Vicente Miguel Garcés Ramón, Thomas Händel, Sandra Kalniete, Edvard Kožušník, Toine Manders, Franz Obermayr, Sirpa Pietikäinen, Phil Prendergast, Mitro Repo, Zuzana Roithová, Heide Rühle, Christel Schaldemose, Andreas Schwab, Catherine Stihler, Róża Gräfin von Thun und Hohenstein, Gino Trematerra, Bernadette Vergnaud, Barbara Weiler						
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Raffaele Baldassarre, Regina Bastos, Jürgen Creutzmann, Ashley Fox, Marielle Gallo, María Irigoyen Pérez, Morten Løkkegaard, Emma McClarkin, Konstantinos Poupakis, Sylvana Rapti, Marc Tarabella, Patricia van der Kammen, Kerstin Westphal						

6.12.2012

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI

għall-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

dwar it-titjib tal-aċċess għall-finanzi għall-SMEs
(2012/2134(INI))

Rapporteur: Vladimír Maňka

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jilqa' l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar it-titjib tal-aċċess tal-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (SMEs) għall-finanzjament, bi qbil mal-prijoritajiet tal-Istrateġija Ewropa 2020, b'tali mod li jkunu jistgħu jегħlbu d-diffikultajiet li qed iħabbtu wiċċhom magħhom tul il-kriżi ekonomika u finanzjarja kurrenti;
2. Jirrimarka li l-SMEs, li jikkostitwixxu s-sinsla tal-ekonomija tal-Unjoni Ewropea, sfortunatament intlaqtu bil-kbir mill-kriżi msemmija hawn fuq; jirrikonoxxi li l-iżgurar li l-SMEs ikollhom aċċess suffiċjenti u f'waqtu għall-finanzjament jistimula u jsaħħaħ it-tkabbir ekonomiku, il-ħolqien tal-impjiegi u l-produttività tax-xogħol u l-koeżjoni soċjali, li huma essenzjali għall-prosperità tar-reġjuni kollha tal-UE, filwaqt li jiġġenera żvilupp qawwi fil-livell lokali, reġjonali u nazzjonali u jipproteġi l-impjiegi;
3. Jappoġġa żieda tal-kapital tal-Bank Ewropew għall-Investment (BEI) bħala mezz għat-titjib tal-provvista ta' self lill-SMEs u għall-investimenti ġodda bil-għan li jerġgħu jqajmu l-attività ekonomika, joħolqu l-impjiegi u jiġġeneraw il-ġid;
4. Jirrikonoxxi li, fi żmien ta' restrizzjonijiet fiskali u tnaqqis tal-kapaċità ta' self fis-settur privat, il-politika ta' koeżjoni hija waħda mis-sorsi ewlenin ta' sostenn għall-SMEs tal-UE, u l-għodda ta' investment ewlenija għall-konverġenza u l-iżvilupp sostenibbli tal-UE; jifhem li l-appoġġ finanzjarju futur – ikkoordinat ma' miżuri settorjali oħra b'appoġġ għall-SMEs – għandu jiffoka fuq li jsaħħaħ il-kapaċità tal-SMEs għar-riċerka u l-innovazzjoni, jagħti spinta lill-prestazzjoni tagħhom biex jiġġeneraw aktar impjiegi u jrawwem l-irkupru tal-ekonomija tal-UE u jerġa' jqajjem fuq saqajha l-kompetittività

tagħha;

5. Jissottolinja l-ħtieġa li jingħata stimolu ulterjuri għas-semplifikazzjoni tal-proċeduri amministrativi fil-livell Ewropew, nazzjonali, reġjonali, lokali u transkonfinali biex jiġi stabbilit qafas ġuridiku ċar u trasparenti, li jagħmel ħiltu biex jillimita l-komplessità regolatorja li spiss tostakola l-applikazzjoni għal fondi tal-UE min-naħa tal-benefiċjarji, speċjalment tal-SMEs, pereżempju bil-ħolqien ta' aġenzija unika għall-applikanti, li tqassar il-proċeduri ta' awtorizzazzjoni għall-ksib ta' finanzjament u li tkun aktar pronta fil-pagament tas-sussidji;
6. Jappoġġa d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li toħloq firxa wiesgħa ta' strumenti finanzjarji ġodda mfasslin apposta fil-politika regolatorja futura ta' koeżjoni mmirata lejn l-SMEs, bil-għan li ttejjeb u tintensifika l-għoti ta' informazzjoni dwar dawk l-istrumenti finanzjarji, flimkien mal-użu li jsir minnhom u l-monitoraġġ tal-attivitajiet tagħhom; jirrakkomanda li l-użu ta' fondi strutturali, flimkien ma' finanzjament mill-BEI, jiġu esplorati aktar, fost l-oħrajn għall-fini tal-finanzjament ta' fondi ta' kapital ta' riskju u fondi li jistgħu jkattru r-rendiment tagħhom billi jiġġeneraw finanzjament addizzjonali għall-SMEs;

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	27.11.2012
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 30 -: 1 0: 2
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	François Alfonsi, Luís Paulo Alves, Victor Boştinaru, John Bufton, Salvatore Caronna, Nikos Chrysogelos, Francesco De Angelis, Tamás Deutsch, Rosa Estaràs Ferragut, Danuta Maria Hübner, María Irigoyen Pérez, Seán Kelly, Mojca Kleva Kekuš, Constanze Angela Krehl, Ramona Nicole Mănescu, Iosif Matula, Erminia Mazzoni, Jens Nilsson, Jan Olbrycht, Younous Omarjee, Ewald Stadler, Georgios Stavrakakis, Lambert van Nistelrooij, Oldřich Vlasák, Kerstin Westphal, Hermann Winkler
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Jan Březina, Andrea Cozzolino, Ivars Godmanis, Karin Kadenbach, Lena Kolarska-Bobińska, Vilja Savisaar-Toomast, Elisabeth Schroedter

28.11.2012

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJET LEGALI

għall-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

dwar it-titjib tal-aċċess għall-finanzi għall-SMEs
(2012/2134(INI))

Rapporteur: Rebecca Taylor

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Legali jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jilqa' l-pjan ta' azzjoni tal-Kummissjoni għat-titjib tal-aċċess għall-finanzi għall-SMEs, b'mod partikolari f'dak li għandu x'jaqsam mat-titjib tal-qafas regolatorju Ewropew għall-kapital ta' riskju; jenfasizza l-bżonn ta' soluzzjonijiet li jikkunsidraw l-bżonnijiet partikolari tal-SMEs u li jappoġġaw l-iżvilupp tagħhom b'mod li jirrifletti d-daqs, il-qligħ u l-ħtiġijiet ta' kreditu tagħhom;
2. Jissottolinja n-nuqqas ta' għarfien finanzjarju u ġuridiku speċjalizzat disponibbli għal maġġoranza tal-SMEs, li jagħmilha diffiċli li huma jaċċedu għall-kapital; jindika, barra minn hekk, li l-SMEs spiss isibu li l-leġiżlazzjoni Ewropea hija piż amministrattiv u diffiċli li tiġi interpretata, u dan jolqot l-aċċess tagħhom għall-kapital;
3. Jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra, bħala kwestjoni ta' urġenza, rieżami usa' u aktar effikaċi tal-leġiżlazzjoni finanzjarja u regolatorja tal-UE li bħalissa tneddel lill-SMEs wara li tagħmel eżami tax-xkiel fiskali għall-investimenti ta' kapital ta' riskju transkonfinali fl-UE; iqis li, wara dan ir-rieżami usa', il-Kummissjoni għandha tressaq proposti li jeżentaw lill-SMEs meta jiġu affettwati b'mod sproporzjonat mid-dispożizzjonijiet regolatorji u meta ma jkunx hemm raġuni valida biex jiġu nklużi fl-ambitu tal-leġiżlazzjoni, jew biex jikkunsidraw l-approċċi 'personalizzati' jew reġimi anqas ħorox meta eżenzjoni ma tkunx sostenibbli;
4. Jenfasizza li numru dejjem akbar ta' SMEs qegħdin jagħlqu jew qegħdin ifallu b'żieda konsegwenti fin-numru tal-qgħad; jinnota li jidher biċ-ċar li l-miżuri għat-tkabbir adottati s'issa mill-UE ma kienux effikaċi biżżejjed u jistieden lill-Kummissjoni biex tadotta bħala

kwestjoni ta' urġenza miżuri aktar konkreti għall-aċċess għall-kapital għall-SMEs u biex tgħin fl-irkupru tagħhom u tagħti spinta lill-impjiegi;

5. Jinnota li hemm nuqqas ta' attività transkonfinali fl-Unjoni Ewropea f'dak li għandu x'jaqsam mal-aċċess għall-finanzi għall-SMEs, partikolarment f'termini ta' mezzi ġodda ta' finanzjament bħalma huma l-finanzjament kollettiv, pjattaformi ta' investituri privati (business angel platforms) u, b'mod ġenerali, is-self bejn il-pari, li jagħtu finanzjament għall-SMEs illi kieku ma jkollhomx mezz kif jiksbu l-approvazzjoni minn intermedjarji finanzjarji aktar standard;
6. Jissottolinja n-nuqqas ta' koerenza ġuridika fl-UE f'dak li għandu x'jaqsam ma' dawn il-mezzi ġodda ta' finanzjament u jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra d-differenzi prinċipali bejn l-Istati Membri u tagħti gwida għal dawn il-mezzi ġodda ta' finanzjament, li wkoll jistgħu joffru potenzjal kbir ta' tkabbir u ħolqien ta' impjiegi;
7. Jistieden lill-Kummissjoni biex tpoġġi l-irkupru u s-sostenn tal-SMEs fil-qalba tal-politiki futuri tagħha, u jenfasizza kif prospettiva futura ta' Ewropa msejsa biss fuq il-forniment tas-servizzi mhijiex se twassal għall-ebda tkabbir;
8. Jinsisti li l-Kummissjoni għandha tapplika t-Test tal-SMEs, inkluż kunsiderazzjoni speċifika tal-mikrointrapriżi, u l-prinċipju ta' 'L-Ewwel Aħseb fiż-Żgħir' fit-tħejjija tal-abbozz ta' leġislazzjoni, u li twettaq valutazzjonijiet tal-impatt fuq il-proposti leġislattivi kollha, b'mod partikolari dawk ta' natura finanzjarja, biex tiżgura li l-għażliet kollha applikabbli għall-SMEs jkunu debitament ivvalutati, identifikati u ttrattati fi stadju bikri, u għandha teħodhom inkunsiderazzjoni sabiex timminimizza l-impatt fuq l-SMEs meta jiġu abbozzati l-proposti leġislattivi; jikkunsidra essenzjali li l-Kummissjoni tfittex li timminimizza l-piż regolatorju li jaqa' fuq l-SMEs f'abbozzi futuri u li tagħti spjegazzjoni għal kull eżenzjoni;
9. Jenfasizza kif l-qawwa tal-ekonomija Ewropea s'issa kienet ġejja mill-mijiet ta' eluf ta' SMEs li għamlu mill-kwalità tal-prodotti tagħhom u l-eċċellenza tal-proċessi ta' produzzjoni tagħhom, l-elementi ewlenin tal-produzzjoni Ewropea fil-konfront ta' kompetituri globali oħrajn;
10. Jinnota li spiss id-diffikultajiet ta' aċċess għall-kreditu huma frott ta' nuqqas ta' għarfien min-naħa tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju dwar l-istrumenti disponibbli għalihom; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-Istati Membri jagħtu lill-SMEs aktar sostenn, edukazzjoni u taħriġ f'dak li għandu x'jaqsam mal-kwestjonijiet tal-finanzjament u li tqis kooperazzjoni aktar mill-qrib mal-korp rappreżentattivi tal-SMEs fl-iżvilupp ta' dan it-taħriġ; ihegġegħ lill-Kummissjoni twaqqaf programmi ta' semplifikazzjoni għat-titjib tal-aċċess għall-programmi ta' finanzjament Ewropej;
11. Jilqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni li thegġegħ bis-saħħa lill-Istati Membri jaċċelleraw l-implementazzjoni tad-Direttiva dwar il-Ħlasijiet Tard billi tali ħlasijiet tard huma ta' detriment kbir ħafna għall-ippjanar finanzjarju tal-SMEs u spiss ikunu r-raġuni tal-falliment tal-SMEs; għaldaqstant, jistieden lill-Kummissjoni tanalizza bir-reqqa l-ħlas mill-awtoritajiet pubbliċi ta' kreditu li jkunu rċevew;
12. Jenfasizza l-fatt li jista' jkun hemm diskriminazzjoni fl-aċċess għall-finanzjamenti fil-każ

ta' SMEs immexxijin minn nisa, minoranzi etniċi, nies b'diżabilità u membri ta' gruppi minoritarji oħrajn, u jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jirrikonoxxu dan il-potenzjal għad-diskriminazzjoni u jitolbu, bħala mezz wieħed kif tiġi ttrattata din id-diskriminazzjoni, li dawk li jisilfu jagħtu ġustifikazzjoni dettaljata meta jirrifjutaw li jagħtu aċċess lill-SMEs għall-kapital;

13. Jistieden lill-Kummissjoni tfassal strateġiji ta' finanzjament speċifiċi fir-rigward tal-Istati Membri, tan-netwerks tal-intrapriżi u l-konsorzji magħmula minn intrapriżi żgħar u ta' daqs medju;

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	27.11.2012
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 19 -: 0 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Raffaele Baldassarre, Sebastian Valentin Bodu, Françoise Castex, Christian Engström, Marielle Gallo, Giuseppe Gargani, Sajjad Karim, Klaus-Heiner Lehne, Antonio Masip Hidalgo, Alajos Mészáros, Evelyn Regner, Rebecca Taylor, Alexandra Thein, Cecilia Wikström
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Sergio Gaetano Cofferati, Eva Lichtenberger, Angelika Niebler, József Szájer, Axel Voss

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	18.12.2012
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 40 -: 0 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Burkhard Balz, Elena Băsescu, Jean-Paul Basset, Sharon Bowles, Udo Bullmann, George Sabin Cutaş, Leonardo Domenici, Derk Jan Eppink, Diogo Feio, Elisa Ferreira, Ildikó Gáll-Pelcz, Jean-Paul Gauzès, Sven Giegold, Sylvie Goulard, Liem Hoang Ngoc, Gunnar Hökmark, Wolf Klinz, Rodi Kratsa-Tsagaropoulou, Philippe Lamberts, Werner Langen, Astrid Lulling, Ivairi Padar, Alfredo Pallone, Antolín Sánchez Presedo, Olle Schmidt, Edward Scicluna, Peter Simon, Theodor Dumitru Stolojan, Kay Swinburne, Sampo Terho, Marianne Thyssen, Corien Wortmann-Kool, Pablo Zalba Bidegain
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Herbert Dorfmann, Sari Essayah, Vicky Ford, Ashley Fox, Robert Goebbels, Sophia in 't Veld, Petru Constantin Luhan, Thomas Mann